31992D0563

10.12.1992 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 361/45

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tad-19 ta' Novembru 1992

fuq id-*database* li tkopri l-ħtiġiet ta' importazzjoni tal-Komunità, maħsuba mill-proġett Shift

(92/563/KEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/438/KEE tat-13 ta' Lulju 1992, fuq il-kompjuterizzazzjoni tal-proċeduri ta' importazzjoni veterinarji (proġett Shift) li temenda d-Direttivi 90/675/KEE, 91/496/KEE, 92/628/KEE u d-Deċiżjoni 90/424/KEE, u li tħassar d-Deċiżjoni 88/192/KEE [1], u partikolarment l-Artikolu 12 tagħha,

Billi, biex tkun stabbilita u jsir użu effiċjenti tad-*database* msemmija fl-Artikolu 4 u fl-Anness II (1) tad-Deċiżjoni Nru 92/438/KEE, jeħtieġ li jkunu speċifikati l-karatteristiċi, il-kontenut u l-kondizzjonijiet biex tkun stabbilita u tintuża din id-*database*;

Billi l-iżvilupp tas-sistema ta' l-utent għad-*database* tal-Komunità għandu jkun ir-responsabbilità tal-Kummissjoni, u għandu jqis is-sistemi operattivi użati fl-Istati Membri;

Billi l-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti Veterinarju,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni, "*database* tal-Komunità" għandha tfisser id-*database* li tkopri l-ħtiġiet ta' importazzjoni tal-Komunità ta' annimali ħajjin u prodotti ta' l-annimali li jiġu minn pajjiżi terzi.

2. Id-*database* tal-Komunità għandha tkun relazzjonali. L-utent għandu jkun jista' jibbenefika minn aċċess rapidu u faċli għall-informazzjoni meħtieġa għall-verifiki.

Artikolu 2

Id-*database* tal-Komunità għandha tinkludi l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 4(1) tad-Deċiżjoni 92/438/KEE. Kif ukoll, għandha tinkludi l-kondizzjonijiet speċjali ta' importazzjoni li japplikaw għal Stat Membru jew parti ta' Stat Membru u ċerti stabbilimenti.

Artikolu 3

1. Il-Kummissjoni għandha tkun responsabbli għall-iżvilupp tas-sistema ta' l-utent għad-*database* tal-Komunità.

2. L-iżvilupp msemmi fil-paragrafu 1 għandu jinkludi:

— deskrizzjoni ta' l-istruttura tad-*database* tal-Komunità,

— id-definizzjoni u r-realizzazzjoni tal-funzjonamenti ta' l-applikazzjoni teknika li huma meħtieġa għall-użu tagħha.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula f'Brussel, fid-19 ta' Novembru 1992.

Għall-Kummissjoni

Ray MAC SHARRY

Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 243, 25.8.1992, p. 27.